MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 69/2013

**Jac Steel Limited [C-46665]**

**Vs**

**Farstone Construction and Restoration Limited [C-30589]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-22 ta’ Frar, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta’ elf tlett mija erbgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmu ta’ euro [€1,354.20c] u dan wara li ppremettiet hekk:

“It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ elf, tlett mija, erbgha u hamsin ewro u ghoxrin ċenteżmu €1,354.20 rappresentanti din is-somma prezz ta’ merċa mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom imressqa fit-18 ta’ Marzu, 2013 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“It-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjent ma huwiex debitur tal-attur la fl-ammont mitlub u f’ebda ammont iehor.

Illi l-esponent jirriserva li jirrispondi aktar dettaljatament meta jkun jaf dwar xiex inhi t-talba attriċi.

Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra l-verbal datat 15 ta’ Lulju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum in difett t’ostakolu;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata ta’ l-ammont ta’ €1,354.20 rappresentanti din is-somma prezz ta’ merċa mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta intimata. Din ta’ l-ahhar laqghet ghat-talba tas-socjeta rikorrenti billi qalet li hija ma hijiex debitur taghha fl-ebda ammont.

Ikkunsidra;

2. **Adolph Baldacchino** xehed permezz tal-procedura ta’ l-affidavit. Huwa qal li huwa r-rapprezentant legali u azzjonista tas-socjeta rikorrenti. Is-socjeta minnu rappreżentata, jkompli jghid ix-xhud, tissupplixxi x-xoghol ta’ azzar u xibka ghall-kostruzzjoni. In-negozju bejn iz-

zewg soċjetajiet beda madwar tlett snin ilu u li dejjem kien hemm relazzjoni tajba bejn iz-zewg soċjetajiet hlief ghal din l-okkazzjoni fejn is-socjeta intimata ma hallsietx il-kontijiet minnha dovuti.

Ix-xhud ikompli jghid li d-diverbju bejn is-socjetajiet kontendenti hija dwar il-fatturi bin-numri 98, 99, 100 u 101. Huwa esebixxa *statement of account* (dok. AB2 a fol. 18) u qal li fejn dawn l-imsemmija fatturi hemm miktub il-kelma "*unpaid*". Il-kumplament tal-fatturi huma mhallsa. Dwar il-materjal provdut, ix-xhud ighid li "*... fuq din il-merkanzija s-socjeta Farstone Limited qatt ma qaltilna li kien hemm xi problema ta' manifattura dwarha jew xi haġa simili*" (fol. 9). Meta baqa ma thallasx l-ammont reklamat, is-socjeta minnu rappreżentata kellha taghmel din il-kawza.

In kontro-ezami qal li "*l-hlas bejn is-socjeta' rikorrenti u dik intimata kien isir parti minn credit notes u parti fi flus kontanti*" (fol. 35). Ix-xhud gie muri fol. 19 tal-process (fejn hemm l-i*statement of account*) u b'referenza ghall-ammont ta' €3542.12c huwa qal li dik hija *credit note*. B'referenza ghad-dokumenti mmarkati bhala SF 3[1] (fol. 30) u SF 4[2] (fol. 31) qal li dawn huma *credit notes* u gew ritornati lil Mario Grixti.

3. Fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2013 xehed **Saviour Farrugia**, direttur tas-socjeta intimata. Huwa qal li r-relazzjoni kummerċjali bejn is-socjeta minnu rappreżentata u s-socjeta rikorrenti bdiet madwar sentejn ilu meta huma kienu nghataw xoghol ta' kostruzzjoni f' lukanda ġewwa l-Birgu.

Ighid li "*minflok ma thallasna fi flus kontanti jew cekk inghatajna credit note rilaxxati minn JAC Steel Limited u cioe' s-socjeta' rikorrenti. Ahna mbaghad bhala kumpanija konna niehu l-materjal minghand is-socjeta' rikorrenti sakemm tkun tigi estinta din il-credit note*" (fol. 22). Intlahaq ftehim mas-socjeta rikorrenti fis-sens li "*meta*

[1] Credit note datata 15 ta' Mejju, 2011 fl-ammont ta' €5,000;

[2] Credit note datata 15 ta' Gunju, 2011 fl-ammont ta' €3,000;

*naghmlu ordni* ... *jinqatghu hamest elef euro (€5000) mill-credit note u l-bilanc li jkollna fuq dik l-invoice partikolari ntuha fi flus kontanti*” (fol. 22). Ix-xhud ighid li dwar dan it-tip ta’ arranġament ma kien hemm l-ebda kwistjoni.

Kienet is-segretarja tas-socjeta’ rikorrenti li kienet tiehu hsieb li tiġbor il-pagament u kienet tmur fis-*site office* tas-socjeta rikorrenti ghal dan il-ghan.

Ix-xhud ighid li lil Adolph Baldacchino huwa ma jafux u qatt ma kellmu dwar xi flejjes li s-socjeta rikorrenti qeghda tghid li s-socjeta’ intimata ghandha taghtiha iżda wara li huwa rċieva l-ewwel ittra minghand l-Avukat tas-socjeta rikorrenti, huwa kien cempillu u qallu “*inti taf x’qed taghmel?*” (fol. 23). Skond ix-xhud, Adolph Baldacchino skuza ruhu mieghu u qallu li kienu qeghdin ihawdulu kollox u fil-fatt talbu sabiex jiltaqghu ghand l-Avukat tieghu. Jidher però li baqghu qatt ma marru ghand l-Avukat tas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud qal ukoll li “*... sal-bierah stess u cioe’ sa l-ewwel (1) ta’ Lulju elfejn u tlettax (2013) u kellimtu u ghidtlu “Adolf tini karta li tghid illi s-socjeta’ minni rapprezentata ma ghandha taghtik xejn. Huwa qalli iva pero’ bl-iva bqajt, fil-fatt dalghodu stess huwa cempilli u qalli sabiex niltaqghu llejla fil-hamsa (5:00)*” (fol. 23).

Ghar-rigward tal-*credit note* ta’ hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000), ix-xhud qal li huwa ghadu ma użahiex kollha u fadallu jiehu b’sitt elef euro (€6000) affarijiet minghand is-socjeta’ rikorrenti. Ikompli jghid li “*... dawn is-sitt elef pero’ llum il-gurnata jiena issettiljajthom ma’ minn kien tani l-credit note originarjament u ghalhekk illum il-gurnata jiena ma ghadx ghandi pretenzjoni fir-rigward tal-credit note li kienet harget is-socjeta’ rikorrenti*” (fol. 23). Sussegwentement fil-kontro-ezami tieghu maghmul fil-15 ta’ Lulju, 2013, ix-xhud qal li dawn il-*credit notes* inghataw lis-socjeta intimata minn Mario Grixti. Ikompli jghid li kienu inghataw hames (5) *credit notes* b’kollox. L-ewwel tlieta (3) intuzaw u kien ghad fadal l-ahhar tnejn (2) fl-ammont komplessiv ta’ tmien t’elef ewro (€8,000). Zied ighid li t-tlett elef u sitt mitt euro (€3,600) bilanc li kien ghad fadal fuq dawn iz-zewg *credit notes* meta taqta’ l-erbat elef u sitt

mitt euro (€4,600) li s-socjeta minnu rappreżentata kellha taghti lis-socjeta' rikorrenti, hija ġabrithom fi flus minghand Mario Grixti li kien taghhomlha oriġinarjament (ara cheque image a fol. 73 – dok. MGZ 1).

B'referenza ghall-fatturi bin-numri 98 sa 101 a fol 19 tal-process u l-kliem '*Unpaid*' ix-xhud qal li "*dawn huma kollha mmarkati mis-segretarja tas-Sur Baldacchino b'sinjal ta' very good (✔) li jfisser li dawn thallsu*" (fol. 23). B'referenza ghall-fattura bin-numru 97 ix-xhud qal li minkejja li hemm il-kliem *part-paid* din hija mhallsa kollha ukoll u dan skont l-arrangament li kien ghadu kif spjega. Jghid li "*parti minnhom tkun inharget bi credit note u l-kumplament fi flus kontanti*" (fol. 23).

In kontro-ezami qal li "*apparti l-very good (✔) is-segretarja tas-socjeta' rikorrenti kienet taghtini jew ricevuta fiskali jew invoice jew tiktibli paid fuq bicca karta*". Ix-xhud obbliga ruhhu li jippreżenta dawn id-dokumenti.

Meta x-xhud gie mistoqsi dwar l-*istatement of account* minnu ppreżentata (dok. SF 5 a fol. 32) huwa qal li din hija l-kopja li kellha s-socjeta intimata u li "*kienet tigi mmarkata minn Chantal li hija s-segretarja tas-socjeta' rikorrenti*" (fol. 36). Mistoqsi jekk is-socjeta minnu rappreżentata kellhiex ir-ricevuti li jkopru l-ammonti li hemm indikati hdejn id-dati tat-tmienja (8) t' April u ghaxra (10) t'April rispettivament, huwa wieġeb fin-negattiv.

Mistoqsi jekk huwa ghandux l-original taz-zewg *credit notes* li hemm ezebiti man-nota tad-disgha (9) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) huwa wieġeb fl-affermattiv. Dawn iz-zewg *credit notes* gew ippreżentati man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata (fol. 47 u 48).

Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013 is-socjeta intimata esebiet kopja tac-cekkijiet li hija ghaddiet lis-socjeta rikorrenti bhala pagament. Dawn huma:

| Data tac-cekk | Ammont | Data meta issarraf ic-cekk |
|---|---|---|
| | | |
| 6 ta' Ottubru, 2010 | €6,275.68 | 6 ta' Ottubru, 2010 |

| | | |
|---|---|---|
| 5 ta’ Novembru, 2010 | €5,766.46 | 5 ta’ Novembru, 2010 |
| 30 ta’ Dicembru 2010 | €8,862.91 | 31 ta’ Dicembru, 2010 |
| 31 ta’ Jannar, 2011 | €7,000 | 5 ta’ Marzu, 2011 |
| 5 ta’ Frar, 2011 | €5,710 | 5 ta’ Frar, 2011 |
| 12 ta’ Frar, 2011 | €5,710 | 12 ta’ Frar, 2011 |
| 4 ta’ Marzu, 2011 | €2,809.08 | 4 ta’ Marzu, 2011 |
| 9 ta’ April, 2011 | €1,401 | 9 ta’ April, 2011 |
| | | |
| Total | €43,535.13 | |

4. **Mario Grixti** xehed fis-seduta tat-3 ta’ Novembru, 2013. Qal li s-socjeta rikorrenti kellha taghtih madwar €23,000 fi flus u minflok hi taghthomlu *credit notes*. Huwa qal li kien ikollu qed jaghmel xi xoghol mas-socjeta intimata u allura ftiehem mas-socjeta rikorrenti sabiex din tohrog il-*credit notes* tieghu fuq is-socjeta intimata. Huwa esebixxa hames *credit notes* fl-ammont ta’ €23,000. Ghar-rigward ta’ l-ahhar *credit note* fl-ammont ta’ €3,000 (fol. 72) huwa qal li s-socjeta intimata kienet infurmatu li kien ghad fadlilha din li ma użatx u parti mill-*credit note* precendenti fl-ammont ta’ €600. B’kollox ghalhekk kien ghad fadlilha €3,600 fi *credit*. Huwa qal li ghamel ċekk ghal dan l-ammont u ghaddieh lis-socjeta intimata.

Ikkunsidra;

5. Inghad mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta’ April, 2007 illi in materja ta’ provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-

sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[3].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[4].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

6. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[5].

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Il-kwistjoni bejn is-socjetajiet kontendenti hija dwar il-fatturi bin-numri 97 sa 101 ghal valur ta' €1,354.20c.

---

[3] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[4] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;
[5] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

Filwaqt li s-socjeta rikorrenti tghid li s-socjeta intimata baqalha taghtiha dan l-ammont, is-socjeta intimata tghid li hija ma ghandha taghti l-ebda ammont lis-socjeta rikorrenti.

8. Jirrizulta li s-socjeta intimata kienet inghatat *credit notes* minghand Mario Grixti fl-ammont ta' €25,000. Dan kien ircieva l-istess *credit notes* minghand is-socjeta rikorrenti. Il-metodu tal-pagament bejn is-socjetajiet kontendenti kien li ma kull ordni ta' merkanzija minghand is-socjeta rikorrenti, s-socjeta intimata "*meta naghmlu ordni ... jinqatghu hamest elef euro (€5000) mill-credit note u l-bilanc li jkollna fuq dik l-invoice partikolari ntuha fi flus kontanti*" (fol. 22).

9. Matul ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti saru ukoll diversi pagamenti u dan kif evidenzjat mill-*istatement of account* li hemm esebit a fol. 18 u 19 tal-process. Mid-dokument li hemm a fol. 19 tal-process, jirrizulta li s-socjeta intimata xtrat oġġetti b'valur ta' €74,835.32[6]. Sal-10 ta' Gunju, 2011, hija kienet hallset lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €69,478.80c[7]. B'hekk is-socjeta intimata kellha sa l-10 ta' Gunju, 2011 taghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €5,356.52c. Minn dan l-ahhar ammont tnaqqsu żewġ ammonti mis-socjeta rikorrenti. L-ewwel ammont huwa ta' €460.20c u fid-dokument li hemm esebit a fol. 19 tal-process, fejn dan l-ammont hemm il-kliem "Zaffarese Invoice". Imbaghad tnaqqas ammont iehor ta' €3,542.12 u fid-dokument li hemm esebit a fol. 19 tal-process, fejn dan l-ammont hemm il-kliem "Cr note keith port".

10. B'kollox ghalhekk, is-socjeta rikorrenti tghid li s-socjeta intimata fadlilha thallas is-somma ta' €1,354.20 li huwa l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri.

11. Is-socjeta intimata ukoll esebiet l-istess rendikont bid-differenza li wara t-8 ta' April, 2011 ma hemmx aktar ammonti ta' pagamenti u dan kuntrarjament ghal dak li jirrizulta mid-dokument esebit mis-socjeta rikorrenti. In

[6] Ara d-dokument li hemm esebit a fol. 18 u 19 tal-process.
[7] Ara l-pagamenti indikati fid-dokument mressaq mis-socjeta rikorrenti a fol. 18 u 19 tal-process.

oltre, l-pagament li sar fit-8 ta' April, 2011 jirrizulta li hemm differenza bejn ir-rendikont esebit mis-socjeta rikorrenti u dak esebit mis-socjeta intimata. Filwaqt li r-rendikont tas-socjeta rikorrenti jirriżultali hemm ic-cifra ta' €1,401 (ara fol. 19), fir-rendikont tas-socjeta intimata hemm ic-cifra ta' €6,401 (ara fol. 33) u hdejn din ic-cifra hemm il-kliem bil-biro "*incl 5000 CN*" (fol. 33).

12. Il-bilanc skond ir-rendikont esebit mis-socjeta intimata, favur is-socjeta rikorrenti sat-8 ta' April, 2011 kien ta' €4,356.52c. Jirrizulta ukoll li kien ghad fadal bi €8,000 *credit notes* li minnhom, is-socjeta intimata hadet lura minghand Mario Grixti s-somma ta' €3,600[8]. Jekk mill-ammont ta' €8,000 tnaqqas is-somma li s-socjeta intimata irċeviet minghand Mario Grixti fit-18 ta' Novembru, 2011 u cioe l-ammont ta' €3,600 (fol. 73) jiġi li s-socjeta intimata kien ghad fadlilha l-ammont ta' €4,400 fi *credit note* minghand is-socjeta rikorrenti. Jekk mill-ammont ta' €4,400 tnaqqas is-somma li s-socjeta intimata kellha taghti lis-socjeta rikorrenti sat-8 ta' April, 2011 jigi li s-socjeta intimata hallset żejjed lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €43.48[9]. B'hekk sat-8 ta' April, 2011 is-socjeta intimata ma kellha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti, anzi jirrizulta li hija kellha kreditu ta' €43.48c.

13. Jekk imbaghad tghodd l-entrati kollha li hemm fid-dokument esebit mis-socjeta rikorrenti mit-8 ta' April, 2011 l-isfel, jiġi l-ammont ta' €1,403.69[10]. Naqqas minn dan l-ahhar ammont il-kreditu li kellha s-socjeta intimata favur is-socjeta rikorrenti ta' €43.48c jiġi l-ammont ta' €1,360.21c. Dan l-ahhar ammont huwa ferm viċin l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri ta' €1,354.20c. Hemm biss differenza ta' €6.01c.

14. Taht l-pagament ta' €1,401 li hemm fir-rendikont tas-socjeta rikorrenti (fid-dokument li hemm esebit a fol. 19)

---

[8] ara c-cekk esebit a fol. 73

[9] €4,400 (credit notes) - €4,356.52c (bilanċ favur is-socjeta rikorrenti sat-8 ta' April, 2011) = €43.48.

[10] €323.92 (8 ta' April, 2011) + €286.82 (8 ta' April, 2011) + €183.22 (10 ta' April, 2011) + €421.80 (10 ta' April, 2011) + €187.93 (10 ta' April, 2011) = €1,403.69c

hemm żewġ pagamenti ohra ta' €2,500 fil-21 ta' April, 2011 u iehor ta' €1,500 fl-10 ta' Gunju, 2011. Fir-rendikont esebit mis-socjeta intimata ma hemmx iktar pagamenti indikati wara t-8 ta' April, 2011 izda l-pagament indikat f'din id-data fuq ir-rendikont li hija esebit huwa ta' €6,401 (ara fol. 33). Dan ir-rendikont tas-socjeta intimata inghata lilha mis-socjeta rikorrenti u allura t-Tribunal ma jistax jifhem kif fir-rendikont li hemm esebit a fol. 19 ic-cifra indikata fejn id-data tat-8 ta' April, 2011 hija ta' €1,401 u c-cifra fir-rendikont li hemm a fol. 33 tal-process fejn din l-istess data hija ta' €6,401. Is-socjeta intimata esebiet ċekk fl-ammont ta' €1,401 bid-data ta' 9 ta' April, 2011 (fol. 62), iżda fejn l-entrata bl-ammont ta' €6,401 hemm il-kliem "*inc 5000 CN*" bil-biro li t-Tribunal jifhem bhala "*including €5000 credit note*". Chantelle Muscat li hija s-segretarja tas-socjeta rikorrenti u li kienet tiehu hsieb tiġbor il-pagamenti baqghet qatt ma telghet tixhed u dan minkejja li t-Tribunal talab li hija titla tixhed biex tispjega l-imsemmija rendikonti. Ghalhekk, peress li kien jispetta lis-socjeta rikorrenti li tipprova fl-ahjar mod kif kien gie l-ammont bilanċjali ta' €1,354.20 u x'sar minnhom l-€1,000 differenza li hemm bejn ir-rendikont tas-socjeta intimata u r-rendikont tas-socjeta rikorrenti, t-Tribunal sejjer jqis li dan il-pagament ta' €1,000 mis-socjeta intimata favur is-socjeta rikorrenti.

15. Biex naghlqu allura, jekk mill-ammont reklamat ta' €1,354.20 inaqqsu l-€1,000 hawn appena imsemmi, liema ammont baqa qatt ma gie spjegat mis-socjeta rikorrenti fejn iddahhal fir-rendikont taghha jifdal bilanċ favur is-socjeta rikorrenti ta' €354.20 u huwa dan l-ammont li t-tribunal qieghed isib li s-socjeta intimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata fir-risposta taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghal ammont ta' tlett mija erbgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmu [€354.20] u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata

thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija erbgha u hamsin euro u ghoxrin ċenteżmu [€354.20] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------